MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1446/1997/1

**Louis Borg**

**Vs**

**Eric Cortis**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fis-6 ta’ Novembru 1994 fil-limiti ta’ Hal Far waqt li l-konvenut, Eric Cortis kien qed isuq il-vettura numru F-6433 habat mall-vettura numru B-5205, proprjeta` ta’ l-attur u misjuqha minn ibnu Evan Borg;

Premess illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut, Eric Cortis, u dana billi waqt li l-

konvenut kien qed isuq b'speed sperikolat, huwa habat mall-vettura misjuqa minnu ibnu waqt li dan kien qed iddur fuq il-lemin tieghu b' mod regolari u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jidher car mir-Rapport tal-Pulizija (Dok. "LB 1");

Premess illi b' konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura ta' l-attur garbet hsarat konsiderevoli u dana kif sejjer jigi spjegat waqt il-kawza;

Premess illi l-konvenut interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur b' rizultat ta' l-incident imsemmi baqa' inadempjenti kellha ssir din il-kawza;

Talab ghalhekk l-attur, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara fil-limiti ta' Hal Far fis-6 ta' Novembru 1994 u ghad-danni li sofra l-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b' rizultat ta' dan l-incident jekk hemm bzonn bl-opra ta' Periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni;

Bl-ispejjez, komprisi dawk ta' l-ittra Ufficjali tat-3 ta' Lulju 1996 kontra l-konvenut, u ghall-ispejjez ta' Ittra Ufficjali ppresentata kontestwalment ma' din ic-citazzjani kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

Illi t-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort ta' l-eccipjenti, izda b'tort unikament tas-sewwieq awtorizzat mill-attur u cioe` Evan Borg u dan minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Evan Borg hekk kif kellu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni kollha kellhom jigu sopportati mill-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 1999 li permezz tieghu gie nominat bhala espert legali Dr. Joseph Azzopardi biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osserervazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab esebita a fol. 56 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tas-16 ta' Frar 2001;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Ezaminat is-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Illi jinghad qabel xejn li hemm kawza ohra bl-ismijiet Eric Cortis vs Evan Borg Citazzjoni Numru 2726/96 FDP u li permezz ta' verbal li sar fit-12 ta' Gunju 1998 il-partijiet qablu li l-provi migbura f'kawza wahda jkunu applikabbli fil-kawza l-ohra; dawn iz-zewg kawza jirreferu proprju ghall-istess incident izda saru f'ismijiet inversi. Ghalhekk

wiehed ghandu jaghmel riferenza ghaz-zewg processi sabiex ikun jista' jaghmel konsiderazzjoni kompleta tal-fatti; jigi rilevat li l-kawza l-ohra qeghda tigi wkoll deciza llum;

Verzjoni ta' l-attur:-

Illi bin l-attur Evan Borg fl-affidavit tieghu xehed li meta sar l-incident huwa kien qed isuq il-vettura B-5205 go Hal Far sejjer fid-direzzjoni tal-fabbriki, "Nghid illi waqt li kont hekk qed insuq ghamilt l-indicator tal-lemin u gejt sabiex bil-mod il-mod nigbed lejn in-nofs tat-triq, peress illi ridt indur gewwa side street li kienet fuq il-lemin tieghi. Nghid illi kif kont qed naghmel din il-manuvra smajt xi hadd jibbrejkja sew u fit-tul warajja, harist u qabel ma rrealizzajt sew x'kien qed jigri smajt hoss kbir, tisbita, u hassejt daqqa kbira fuq in-naha tal-lemin tal-vettura tieghi." Qal li osserva li l-konvenut kien halla brake marks twal u li wara sar jaf li kienu ta' 31.4 metru. Dwar danni, qal li l-vettura giet dikjarata total loss u ma setghetx tissewwa;

Illi l-attur, Louis Borg, li kien is-sid tal-vettura Seat Ibiza B-5205, misjuqa minn ibnu Evan Borg, xehed li l-karozza kienet assigurata third party, fire and theft. Wara l-incident ghamel claim mas-socjeta` assikuratrici, Gasan Insurance, izda peress li kienet inxurjata third party ma ha xejn. Qal li l-karozza kienet assigurata fl-ammont ta' Lm1800 u ghall-irmunkar nefaq Lm25;

Verzjoni tal-konvenut:-

Illi l-konvenut Eric Cortis, fl-affidavit tieghu xehed li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fis-6 ta' Novembru 1994 ghall-habta tal-15:45 f'Hal Far meta Evan Borg "... li kien qed isuq karozza tal-marka Seat Ibiza numru ta' registrazzjoni B-5205 u li kien 'il quddiem aktar minni u fuq ix-xellug tieghi isuq hdejn xi karozzi pparkjati, qabad u dar min-naha ta' kontra s-sewwieq u bla indikazzjoni li haj dur, dahal bit-tul tal-karozza tieghu fil-korsija tieghi." Spjega li ghalkemm zamm il-brake, l-art kienet imxarrba u l-brake

ma zammx, u ghalhekk sehh l-impatt. Saviour Camilleri, li kien passiggier mieghu wkoll jikkonferma dan. Dwar danni, l-konvenut xehed li l-ammont li nefaq fir-rigward ta' parts u labour tela' ghal Lm1495.36,8;

Dwar l-iskizz:

Illi l-espert legali spjega li kien hemm kontestazzjoni dwar l-iskizz ghaliex kien hemm allegazzjoni li inbidel f'xi mument. Il-konvenut xehed "Nichad li l-brake-marks kienu kif indikati fl-iskizz. Kienu biss fuq in-naha tieghi." Ix-xhud tieghu, Saviour Camilleri qal li fl-ewwel skizz li ra ma kienx hemm brake marks;

Evan Borg xehed li l-iskizz kien tahulu s-surgent li rrediga r-rapport. Kontro-ezaminat xehed li meta tahulu ma kienx hemm il-brake marks imnizzlin u nizzilhom dak il-hin quddiemu. PS 711 Anthony Polidano xehed li kien hu li investiga l-habta in kwistjoni. Huwa qal li l-iskizz ghamlu hu u kkonferma li l-firem fuq il-linja tal-brake marks hija tieghu. Ma jiftakarx jekk kienx gie xi hadd jghidlu li ma jaqbilx ma' l-iskizz, pero` qal li "Ma nistax neskludi il-brake-marks pingejthom wara minhabba li l-firma qeghda propju fuq il-brake marks". Qal li s-soltu l-firma tkun fuq in-naha ta' fuq. Huwa spjega li ladarba ghamel l-iskizz hu, huwa biss huwa awtorizzat jikkoregih. Huwa ikkonferma bil-gurament tieghu li huwa cert li kien hemm brake marks kif jidhru fl-iskizz u kkonferma wkoll li kienu transversali, jittraversaw il-white line, propju kif indikati fl-iskizz;

Illi ghalhekk ghalkemm ma jidhrix li kien hemm il-brake marks fl-iskizz originali, mix-xhieda ta' l-ispettur m'hemm l-ebda dubbju li dawn fil-fatt kienu hemm ghalkemm l-attur ma jaqbilx mal-posizzjoni taghhom u jinsisti li kienu biss fuq in-naha tieghu;

Illi kif gja intqal il-partijiet qablu li z-zewg kawza imsemmija jimxu flimkien; il-kawza l-ohra numru 2726/96 sejra ukoll tigi deciza illum u ghalhekk il-Qorti taghmel referenza ampja ghall-konsiderazzjonijiet maghmula fid-

decizjoni l-ohra stante li huma identici ghal dak li trid taghmel f'dik odjerna;

Illi fis-sentenza l-ohra il-Qorti ghamlet l-osservazzjonijiet taghha u waslet ghad-decizjoni li z-zewg sewwieqa ikkontribew fi grad ugwali ghal ghall-kollizjoni in kwistjoni; dwar id-danni l-Qorti ghandha f'din il-kawza tikkonsidra t-talba ta' l-attur Louis Borg li stqarr li d-danni fil-vettura tieghu ammontaw ghal elf tmin mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1825) u ma jirrizultax li din ic-cifra, giet kontradetta, kif del resta ma gietx kontestata s-somma indikata mill-konvenut odjern ghad-danni minnu sofferti fil-vettura l-ohra.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba limitatament u tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh f'Hal Far fis-6 ta' Novembru 1994 u ghad-danni li sofra l-attur fil-porzjon ta' nofs;

Tilqa' it-Tieni Talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1825);

Tilqa t-Tielet Talba limitatament u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u tnax-il lira Maltin u hamsa centezmu (Lm912.50), bl-imghax min meta din il-kawza tghaddi in gudikat.

L-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur